# 78. Il-Ġebla tal-Wardija

Fir-raħal tal-Qala,
fuq ras il-Wardija
hemm ġebla bis-sura
ta’ mara kburija,

bil-qiegħda fil-għoli
fuq blata jew tron,
titħaddet, titħaddet
bla heda, bla bżonn...

Hekk dehret dil-ġebla
fuq ras il-Wardija
f’għajnejja ċkejkuna
fiż-żmien tat-tfulija;

mir-raba’ tan-nannu
immur fejn immur,
mid-dgħajsa ġol-fliegu
indur fejn indur,

maraha bħall-Mara
fuq blata jew tron,
titkellem, titkellem
bla heda, bla bżonn.

Kuraġġ qatt ma ġieni
fiż-żmien tat-tfulija
li mmur naqra ħdejha
fuq ras il-Wardija.

Illum li sirt raġel
ġo qalbi ma nsib
la xewqa, la ħajra
li nersaq fil-qrib,

għax ngħid ma mmurx nara
xi ġebla bit-tajn,
imfattra, mixħuta
bħall-ġebel l-oħrajn,

u titlaq minn moħħi
id-dehra dħulija
ta’ Mara felħana
fuq ras il-Wardija

bil-qiegħda fil-għoli
fuq blata jew tron,
titħaddet titħaddet
bla heda, bla bżonn.